MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1369/2004

**Elmo Insurance Limited bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Martin Galea u l-istess Martin Galea**

**Vs**

**Nicholas Debattista**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' seba' mija u tmienja u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm738.70c) inkluz tmienja fil-mija (8%) fis-sena imghax rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident izda kien tort ta' terza persuna, David Meli.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Incident Recording Details* fejn David Meli gimgha wara l-incident qal kif gej:

"While he was driving through Triq il-Qasab, San Gwann with his vehicle bearing registration number BAD 174, another car bearing registration number NDB 001 which was also passing by made a U-turn and caused vehicle number BAD 174 to crash into another vehicle bearing number LCB 515 which was parked on the side. The damages to vehicle BAD 174 are on the front left headlamp. The particulars to the car NDB 001 are as follows: Nicholas Debattista of ID number 104480M and resides at Bienvenida, Triq il-Qasab, San Gwann."

Ra x-xhieda tal-Maggur Joseph Mula, li jahdem fil-Claims Department tas-socjeta' attrici, fejn jikkonferma li Martin Galea kien assigurat bil-polza *comprehensive* mad-ditta attrici u hallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala *excess*.

Ra x-xhieda ta' David Joseph Meli bil-vettura BAD 174 fejn jghid illi dakinhar ta' l-incident kien ghaddej minn Triq il-Qasab sejjer fid-direzzjoni ta' Ta' Giorni. Jghid li f'hin minnhom ra l-karozza tal-konvenut ipparkjata thares lejh meta ghamel U-turn u ghalhekk gie jhares in-naha l-ohra. Meli jghid illi hekk kif wasal mal-vettura tal-konvenut, rega' ghamel U-turn u ghalhekk meta ghafas il-brake baqa' jiskiddja minhabba z-zrar u dahal fil-vettura ta' Galea.

Jghid ukoll li meta waqqaf lill-konvenut, l-istess konvenut qallu li ma kellux x'jaqsam u baqa' sejjer.

Ma jafx b'liema speed kien ghaddej izda l-hsarat m'humiex kbar. Jichad li kien qed isuq. Jghid li kien ghaddej bi speed ta' bejn hamsin jew sittin kilometru fis-siegha. Jikkonferma li l-karozza tieghu waqfet ma' l-impatt. Jghid ukoll illi l-konvenut kien ghamel dawra tonda

izda qatt ma tah spjegazzjoni ghaliex ghamel din il-manuvra. Meta ra l-ewwel darba l-vettura tal-konvenut kienet xi ghaxar metri ‘l boghod minnu. Meli jghid li l-konvenut kien mar *sideways* u bblokkjalu t-triq u ghalhekk kellu jmur *wrong side* sabiex jevitah.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi dakinhar ta’ l-incident huwa kien qed ihares fid-direzzjoni ta’ Ta’ Giorni u ghalhekk kien fl-istess direzzjoni li kien qed ihares Meli. Jikkonferma li hu kien ipparkjat u qasam it-triq sabiex imur fil-lane tieghu. Jghid illi l-vettura ta’ Meli kienet ghadha xi mitt metru ‘l boghod.

Jikkonferma li hu ried idur ghal *side street* got-triq tieghu u hekk kif kien ser idur ghal Triq Indri Calleja waqaf zobtu ghaliex sema’ brake qawwi tal-vettura ta’ Meli li baqghet diehla fil-vettura ta’ Galea. Jikkonferma li kien ghadu fil-lane tieghu meta saret il-habta. Jghid ukoll illi Meli ma kienx ghaddej bi speed baxx.

Ra x-xhieda ta’ l-Ispettur Martin Sammut li esebixxa r-Rapport li ghamel David Joseph Meli jumejn wara l-incident. Jikkonferma li skizz ma kienx hemm u ghalhekk ma jista’ jghid xejn dwar l-incident.

Ra x-xhieda ta’ Martin Galea fejn jikkonferma li l-vettura tieghu kienet ipparkjata u sema’ habta. Meta hareg kien hemm Meli u qallu li kien hemm xi hadd ghamel U-turn u ghalhekk isskiddja u baqa’ diehel fil-vettura ta’ Galea.

Illi fil-kawza **Mallia Vs Azzopardi - PA 27/2/1990** gie ddikjarat li:

“Fil-kollizjonijiet dak li huwa mportanti biex tigi stabbilita r-responsabbilta’ ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi mperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda ncidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija.”

Illi l-konvenut qal li kien fi Triq il-Qasab u ried idur ghal Triq Indri Calleja. Hu qal:

"Jiena nghid li jiena soqt ghal xi one metre u jiena nghid li tharrikt one metre maximum fid-direzzjoni tas-side street. Jiena dawwart biex nibda ndur…ghal Triq Indri Calleja. Jiena nghid li dak il-hin kont ghadni fuq is-side tieghi tat-triq, ma qbiztx il-median line. Jiena waqaft zobtu ghax smajt brake qawwi u horn u fl-istess hin rajt il-karozza tas-Sur Meli."

Qabel ma dar fuq il-lemin tieghu l-konvenut kellu l-obbligu li jara li mhux se jostakola l-karozzi li kienu gejjin minn warajh. Il-konvenut jaghti l-impressjoni li kien ra li Meli kien gej minn warajh izda xorta dar.

Illi min-naha tieghu Meli kien qed isuq b'certu speed u naqas li jzomm il-karozza taht il-kontroll necessarju u ghalhekk hu ghandu tort ukoll ghal dan l-incident. Fil-kawza **Untours Vs Saliba - PA 29/1/2004** gie ddikjarat li:

"Huwa accettat fid-duttrina li l-fatt li sewwieq jitlef il-kontroll tal-karozza li jkun qieghed isuq u jispicca n-naha l-ohra tat-triq jikkostitwixxi prova ndizjarja ta' sewqan hazin, ghaliex sewwieq huwa mistenni li f'kull waqt ikollu l-karozza taht il-kontroll tieghu."

Meli kellu l-obbligu li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u li jzomm attenzjoni *(proper lookout)* dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih. (Ara **Bonello Vs Abela PA PS 21/10/2002**).

Ghalhekk jikkonkludi li kemm Debattista kif ukoll Meli kellhom tort b'mod ugwali ghall-incident.

Id-danni ma gewx ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm369.35c). L-imghax jibda mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------